est une
natures
iale du
nterna-

P L 214

(Kunfidenzjali)

1

# RAPPORT PRELIMINARI

Office:
Travail:

1) Bis-sahha ta' rizoluzzjoni approvata unanimament mill-kamra tad-deputati fis-seduta ta' l-ghaxra t'Awwissu 1987, gie mwaqqaf Kumitat Maghzul b'membri nominati miz-zewg nahat tal-Kamra biex jaghmel dawk ir-rakomandazzjonijiet lil kamra kif f'Malta jistghu jissahhu aktar l-istituzzjonijiet u d-demokrazija li ahna kburin li bnejna biex b'hekk titwettaq ix-xewqa espressa fil-programmi elettorali taz-zewg partiti li l-lum jirraprezentaw lil poplu Malti fil-Parlament.

2) Il-Kumitat Maghzul ezamina il-problemi principali li, fil-kontest ta' l-istess programmi elettorali, kif ukoll ta' l-esperjenza ta' l-imghoddi u tal-fehmiet espressi fil-gazzetti, u fin-numru konsiderevoli ta' ittri li dan il-kumitat ircieva, l-aktar li jinhtiegu li jigu mistharrga. Ghalhekk inhass il-bzonn li jinstab ordinament istituzzjonali u kostituzzjonali aktar b'sahhtu b'mod li tkompli tissahhah id-demokrazija f'Malta.

3) Il-Kumitat qabel li hemm certi istituzzjonijiet, organi u materji li ghalkemm ta' natura purament politika, pero ikun ahjar illi biex jissahhu u b'hekk

... FUQ IL-MEJDA TAL-KAMRA
... FIL 872 23/2/88
Vici Prim Ministru
u Ministru
tal Intern u tal
Gustizzja

tissahhah id-demokrazija, dawn ghandhom johorgu mill-glieda politika bejn il-partiti u jitpoggew fuq bazi nazzjonali. B'hekk biss dehrilna li seta jigi evitat li dawn l-istituzzjonijiet tant importanti u essenzjali ghaz-zamma ta' l-istess demokrazija f'Malta jigu indeboliti ghad-dannu tal-pajjiz.

4) L-istituzzjonijiet, organi u materji ohra li gew hekk ikkunsidrati mill-Kumitat huma dawn:

a) Il-Qrati

b) Ix-Xandir

c) Kummissjoni dwar l-Impjiegi u Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

d) Il-Process Elettorali

e) Il-Parlament

f) L-Ispeaker

g) Is-Sigurta' ta' l-Istat

h) In-Newtralita' u materji ohra konnessi maghha

i) Il-Festa Nazzjonali

5.1) Mill-banda l-ohra gew ikkunsidrati wkoll materji ohra ta' importanza fil-hajja politika tal-poplu Malti li ghandhom x'jaqsmu ma drittijiet godda tac-cittadin u kif dawn ghandhom jigu salvagwardati. F'dan il-kuntest gew ezaminati:

a) Ugwaljanza shiha tas-sessi quddiem il-Kostituzzjoni u quddiem l-Istat;

b) Il-harsien u l-protezzjoni ta' taghrif partikolari u privat dwar ic-cittadin fil-konfront ta' socjeta' komputerizzata.

5.2) Il-Kumitat Maghzul hass il-bzonn ta' inkoraggiment biex l-ahjar imhuh u cittadini ta' esperjenza jghinu l-poplu u l-htiega li dawn ikunu f'xi pozizzjoni ufficjali rikonoxxuta meta jigu biex jaghtu l-pariri mehtiega (state councillors - kunsillieri ta' l-Istat).

6.1) KUNSILL TA' L-ISTAT

Il-Kumitat ikkonsidra li il-bidla istituzzjonali li twettqet permezz tal-proklamazzjoni tar-Repubblika fl-1974 holqot il-kariga ta' President bhala kap ta' l-Istat Malti. Pero ghal dak li jirrigwarda is-sahha politika ta' din il-kariga, il-Presidenza tar-Repubblika ghalkemm moghtija ir-responsabbilita' li thares il-kostituzzjoni, fil-fatt thalliet b'poteri awtonomi zghar hafna, cioe' kariga aktar simbolika milli effettiva. Ghalhekk il-persuna li tokkupa din il-kariga kienet tigi murija rispett aktar formali milli konkret. Infatti il-kariga ta' President kif imfassla il-lum ma taghtihx il-forza li jkun il-"watchdog" (ghassies) tal-kostituzzjoni li tassigura l-indipendenza tal-pajjiz u l-hajja demokratika tac-cittadin Malti. Dan il-fatt wassal liz-zewg partiti rapprezentati fil-Parlament biex ihossu dan il-bzonn u jiddikjaraw fil-programmi elettorali taghhom li bi hsiebhom igibu tibdil fil-poteri u fil-funzjoni tal-kariga ta' President tar-Repubblika.

6.2) F'dan ir-rigward il-hsieb li iddomina id-diskussjonijiet kien hekk: Hemm materji fil-hajja nazzjonali li jmorru 'l hemm mill-glieda tal-partiti. Il-President tar-Repubblika ghandu jkollu d-dmir li f'dawk l-aspetti ta' hajja politika li jmorru 'l hemm mill-politika partiggjana, izda fit-twettiq taghhom ma jkunx hemm qbil bejn il-partiti, l-ewwel li jfittex biex dan il-qbil jintlahaq

li jekk dan ma jsirx jerfa r-responsabbilita' tad-decizjoni hu stess f'isem u fl-ahjar interess tan-nazzjon.

Biex mit-tagen ma naqghux fin-nar, hemm bzonn li mhux biss il-Parlament izomm is-sahha ta' l-impeachment kontra abbuzi ta' natura gravi mill-President, imma l-President, fid-decizjonijiet tieghu, jkun marbut ma process li jassigura lin-nazzjon l-akbar garanzija ta' rispett lid-demokrazija f'pajjizna.

Ghalhekk il-Kumitat hass li ghandu jinholoq Kunsill ta' Stat ippresedut mill-istess President tar-Repubbliká, bil-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni bhala membri. Din l-istituzzjoni gdida ghandha sservi bhala makkinarju kostituzzjonali fejn il-President ghandu jaccetta il-parir kongunt moghti mill-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni u f'kaz illi ma jkunx hemm qbil, ikun xieraq li l-President wara li jkun sema l-pariri taghhom, kif ukoll ta' ohrajn, jezercita d-dritt awtonomu tieghu li jiddeciedi fl-ahjar interess nazzjonali.

Il-Kumitat qabel ukoll li ghandu jkun hemm bhala Kunsillieri ta' l-Istat persuni li kkontribwew ghal certu zmien fil-hajja politika tal-pajjiz u li dwar il-patriottizmu taghhom m'hemmx dubju, ikunu minn liema partit politiku jkunu.

Il-konferiment tat-titolu ta' Kunsillier ta' l-Istat ghandu jkun konsidrat bhala rikonoxximent kemm tal-meriti kif ukoll tas-servizzi li persuna jkun ta ghall-pajjiz fit-tregija tieghu.

In-nomina ssir mill-President tar-Repubblika u fuq dawn il-hatriet irid ikun hemm qbil bejn il-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni.

Dawn il-Kunsillieri ta' l-Istat jissejhu meta l-President tar-Repubblika jhoss il-htiega tal-parir taghhom.

Ikunu Kunsillieri ta' l-Istat bi dritt l-ex Presidenti tar-Repubblika u l-ex Prim Ministri.

Dan il-Kunsill ta' l-Istat ghandu jservi wkoll biex jiddeciedi dwar certi nomini bhalma huma: Il-Kummissjonarju Principali Elettorali, l-Awtorita' tax-Xandir, il-Kummissjoni ta' l-Impjiegi, u korpi ohrajn, u dan partikularment ghan-nomina tac-Chairman ta' dawn l-istituzzjonijiet li f'hafna aspetti tista tkun nomina determinanti.

6.3) Dekorazzjonijiet :- Il-Kumitat Maghzul ihoss u jkun xieraq ukoll li fl-interess nazzjonali, waqt li l-accettazzjoni tad-dekorazzjonijiet ta' stati barranin kellha tibqa tigi taht il-prerogattiva tal-Prim Ministru, l-ghoti ta' dekorazzjonijiet mir-Repubblika Maltija tkun ir-responsabbilita' tal-Kunsill ta' l-Istat.

6.4) Barra mill-Kunsill ta' l-Istat, il-President tar-Repubblika ghandu jippresiedi wkoll: il-Kunsill Nazzjonali tad-Difiza; il-Kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja - zewg istituzzjonijiet li dwarhom hemm ir-rakomandazzjonijiet ta' dan il-Kumitat aktar il-quddiem fir-rapport. Il-Kumitat qabel li il-Kunsill ta' l-Istat ikollu d-dmir li jifli dawk it-trattati (agreements) kollha ma stati ohra sovrani sabiex jassigura li bl-ebda mod il-klawsoli "entrenched" tal-kostituzzjoni ma jigu mittiefsa, specjalment in-newtralita' u n-non alinjament tal-pajjiz. Il-Kumitat ta' l-Istat ghandu wkoll id-dmir li jara li ftehim ma' persuni jew enti-guridici ta' stati ohra sovrani ma jdghajjfux l-istess klawsoli tal-Kostituzzjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet ikollu d-dritt li jitlob id-dokumenti kollha relattivi meta hekk jidhirlu li hu

xieraq. Il-Kunsill ta' l-Istat ikollu wkoll id-dritt li jigbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet koncernati halli jkun hemm it-tibdil mehtieg.

6.5) Dan kollu juri li waqt li'bl-ebda mod mhux se tinholoq sistema presidenzjali (jigifieri li jkun hemm President li veramentj ikun il-kap li jiddeciedi fl-amministrazzjoni tal-pajjiz) u li se tibqa s-sistema ta' Gvern Parlamentari, il-kariga ta' President mhux se tibqa biss wahda simbolika izda wkoll kariga li tkun responsabbli ghal parti minn dawk il-poteri li jolqtu il-hajja ta' kuljum tac-cittadini.

Ghal dawn ir-ragunijiet kariga bhal din titlob li kémm jista jkun tkun tgawdi l-appogg nazzjonali. Ghandu jitfittex li l-persuna maghzula bhala President tar-Repubblika ikollha warajha is-sahha morali, barra minn dik legali. Dan jista jintlahaq billi din il-persuna tigi eletta b'maggoranza kwalifikata mill-Parlament ta' zewg terzi. Jekk minkejja l-isforzi li jkunu saru, din il-maggoranza kwalifikata ma tintlahaqx, allura wiehed ghandu jirrikorri ghal elezzjoni diretta tal-poplu. F'dan il-kaz, jekk fl-ewwel votazzjoni ebda wiehed mill-kandidati ghall-presidenza ma jkollu l-maggoranza assoluta (jigifieri aktar minn nofs tal-voti validi), allura terga ssir elezzjoni ohra li fiha jiehdu parti biss dawk iz-zewg kandidati li jkunu gabu l-aktar numru ta' voti fl-ewwel elezzjoni.

B'dan il-mod ikun qieghed jigi assigurat li l-President tar-Repubblika gie mahtur mill-poplu jew mir-rappresentanti mahturin mill-poplu u, kemm hu umanament possibli, bl-appogg ta' aktar minn partit politiku wiehed fil-pajjiz. Hekk biss il-President tar-Repubblika jista jakkwista s-sahha morali li jmexxi dawk l-istituzzjonijiet li huwa jkun qieghed jippresiedi bhalma huma il-Kunsill

ta' l-Istat u l-Kunsill Nazzjonali tad-Difiza (li tahtu jaqa' s-Servizz tas-Sigurta' Nazzjonali) - pilastri godda li qeghdin jitwaqqfu biex isahhu r-Repubblika maltija u jharsuha minn kull theddid fil-gejjieni.

7.1) KUNSILL NAZZJONALI TAD-DIFIZA

Il-Kumitat jirrikmanda li ghandu jkun hemm Kunsill Nazzjonali tad-Difiza taht il-presidenza tal-President tar-Repubbblika li jkun ghal dan il-fini wkoll il-kap tal-Forzi Armati tal-pajjiz. Dan il-kumitat ikollu bhala membri: il-Prim Ministru; il-Ministru responsabbli ghad-Difiza; il-Ministru ghall-Affarijiet Barranin u ufficjali gholja tal-Forzi Armati. Dan il-Kumitat ikun responsabbli li jiddeciedi fuq policies dwar il-htigijiet fondamentali u bazici tad-Difiza u dan kemm fi zmien ta' paci u kemm fi zmien ta' gwerra, izda fi zmien ta' paci l-amministrazzjoni u t-tmexxija generali tal-Forzi Armati tal-gzira tkun f'idejn il-Ministru tad-Difiza.

7.2) Is-Servizzi Nazzjonali Sigrieti tar-Repubbblika jkunu taht ir-responsabbilita' tal-Kunsill Nazzjonali tad-Difiza.

Dawk kollha li minn zmien ghal zmien ikunu msejha, skond il-materja li tkun qed tigi diskussa, biex jiehdu parti fil-Kunsill ta' l-Istat jew il-Kunsill Nazzjonali tad-Difiza, jkunu marbuta bis-sigriet ta' l-Istat.

8.1) KUNSILL GHALL-AMMINISTRAZZJONI TAL-GUSTIZZJA

Il-Kumitat maghzul ezamina il-problema dwar il-Qrati u l-funzjonijiet taghhom fi hdan l-Istutuzzjonijiet ta' l-Istat Malti. Il-Kumitat jidhirlu li ghandu jigi kkonfermat fil-Kostituzzjoni li l-Gudikatura hija organu indipendenti ta' l-Istat

u li kull Gudikant ghandu jiddeciedi l-kwistjonijiet li jkollu quddiemu skond l-apprezzament tieghu tal-fatti u skond l-applikazzjoni tal-ligijiet kif interpretati skond il-kuxjenza tieghu bla ebda pressjoni, influenza jew indhil minn ebda naha. Dan huwa essenzjali biex il-Gudikatura tkun f'ghajnejn il-poplu organu li jiggudika imparzjalment u b'mod indipendenti.

8.2) Kif inhi s-sitwazzjoni l-lum, l-Ezekuttiv ghandu d-dritt iqassam lill-Imhallfin id-dmirijiet taghhom fil-Qrati.

Biex certi poteri ma jibqghux f'idejn l-Ezekuttiv (il-Gvern) wahdu, u biex tigi assigurata aktar l-indipendenza tal-Gudikátura, il-Kumitat jirrikmanda li din is-sahha ghandha tghaddi f'idejn il-Kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Dan il-Kunsill ikollu r-responsabbilita' ghat-tmexxija effiċjenti tal-Amministrazzjoni tal-Qrati, ikollu l-poter jassenja lill-Imhallfin u l-Magistrati d-dmirijiet taghhom fil-Qrati u li jassigura li l-hidma fil-Qrati tkun skond il-ligi u fl-interess tal-poplu.

Il-Kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja jkun presedut mill-President tar-Repubblika u kompost ukoll mill-Prim Imhallef bhala vici- President, il-Ministru tal-Gustizzja, Imhallef elett mill-Bank tal-Gudikatura, Magistrat elett mill-Bank tal-Magistrati, persuna nominata mill-Prim Ministru u persuna nominata mill-Kap ta' l-Oppozizzjoni. Dawn l-ahhar tnejn ghandhom ikunu persuni li m'humiex gejjin mill-Parlament u li jgawdu r-rispett tal-poplu ghall-integrita' u ghas-serjeta' taghhom.

8.3) Il-Kumitat Maghzul jaqbel u jemmen, kif jidher minn dan ir-rapport, fl-indipendenza tal-Gudikatura. Jidhirlu pero' li fl-interess ta' l-istess Gudikatura ghandu jigi introdott il-kuncett tal-"accountability".
Kif inhi s-sitwazzjoni l-lum, l-Imhallef igawdi s-sigurezza tal-pozizzjoni tieghu u ma jistax jigi rimoss mill-kariga jekk mhux bil-vot taz-zewg terzi tal-Kamra tad-Deputati kif tipprovdi l-Kostituzzjoni. Din is-sitwazzjoni, il-Kumitat jidhirlu li ghandha tinzamm.

8.4) Il-Kumitat jidhirlu li ghal ahjar funzjonament tal-Kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghandu bzonn l-ghajnuna ta' zewg kummissjonijiet:

(a) Kummissjoni tat-Tmexxija tal-Qrati; u

(b) Kummissjoni ta' Vigilanza.

Il-Kummissjoni ghat-Tmexxija tal-Qrati ghandha r-responsabbilita' li tara li t-tmexxija tal-Qrati u tar-registru taghhom tkun tajba, efficjenti u responsabbli.Din il-Kummissjoni tkun preseduta mill-Ministru tal-Gustizzja u jkun hemm fiha Imhallef u Magistrat li jkunu nominati biex iservu fil-Kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, ir-rappresentant tal-Kamra tal-Avukati, rapprezentant tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali, rapprezentant elett mill-impjegati tal-Qrati, u zewg membri nominati mill-Prim Ministru u tnejn nominati mill-Kap ta' l-Oppozizzjoni li minnhom tnejn ikunu dawk it-tnejn li qeghdin iservu diga' fil-Kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u t-tnejn l-ohra li jkollhom l-istess rekwiziti u kwalifiki bhal ta' dawk nominati ghall-Kunsill ta' l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

8.5) Il-Kummissjoni ta' Vigilanza jkollha r-responsabbilita' li tara l-Gudikanti fl-amministrazzjoni taghhom fil-Qrati (ghad-diferenza tal-funzjonijiet li

jiddeciedi il-materji li jkollhom quddiemhom) jaqdu l-istess funzjonijiet taghhom skond il-ligi u b'mod li ma jonqsux mid-doveri taghhom u minn dak li gustament huwa mistenni minnhom.

Il-Kummissjoni tkun komposta mill-Prim Imhallef li jippresjedi, mill-Imhallef u l-Magistrat li qeghdin iservu fil-Kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, minn persuna nominata mill-Prim Ministru u minn persuna nominata mill-Kap ta' l-Oppozizzjoni, liema persuni kollha jkunu dawk l-istess li jkunu jservu fil-Kunsill ta' l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Kull membru ta' dawn il-Kummissjonijiet ghandu d-dritt li jappella quddiem il-Kunsill ta' l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Hekk ukoll ghandha d-dritt kull persuna li tigi milquta minn decizjonijiet ta' dawn il-Kummissjonijiet

8.6) Il-membri tal-Parlament ikollhom id-dritt li l-ilmenti taghhom iressquhom u jidhru wkoll quddiem kull wahda mill-Kummissjonijiet kif ukoll, meta jkun il-kaz, quddiem il-Kunsill ta' l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

8.7) Il-principji hawn dikjarati m'humiex godda. Dawn huma diga impliementati f'pajjizi demokratici ohra u dan qieghed isir biex jassigura l-indipendenza tal-Gudikatura u fl-istess hin din il-Gudikatura takkwista aktar rispett f'ghajnejn ic-cittadin.

9.1) XANDIR

Il-Kumitat qabel li ghandu jigi assigurat li x-Xandir ikun verament Xandir nazzjonali b'mod li t-tmexxija tieghu ma tinbidilx mal-bidla tal-poter effettiv tal-pajjiz. Il-Kumitat qabel li x-Xandir ghandu jkun ghalhekk taht ir-responsabbilita' unika ta' l-Awtorita' tax-Xandir bhala korp imparzjali u

indipendenti li thares biss u tkun immexxija biss mill-interess nazzjonali u kapaci tonora ir-responsabbilitajiet taghha u tiggarantixxi l-imparzjalita fix-Xandir kif tirrikjedi l-istess kostituzzjoni.

Ghal dan il-ghan il-Kumitat qabel li ghandhom jigu rispettati dawn il-principji, cioe':

a) L-Awtorita' tax-Xandir tkun mhux biss awtorita' tax-xandir izda wkoll fix-xandir u ghalhekk ghandu jkollha funzjoni ezekuttiva. Il-Kap tax-Xandir jigi nominat minnha; direttament responsabbli lejha u rimovibbli minnha.

b) L-Awtorita' jkollha l-poter li timplimenta l-politika taghha dwar bilanc u mparzjalita'.

c) Huwa desiderabbli li l-membri li jikkomponu l-awtorita', ikunu wkoll accettabli ghaz-zewg nahat tal-Parlament.

d) Ic-Chairman ta' l-Awtorita' ghandu jigi approvat mill-Kunsill ta' l-Istat. Jekk ma jkunx hemm qbil bejn il-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Opposizzjoni, l-ghazla ssir mill-President.

e) Il-partiti politici rapprezentati fil-Parlament ikollhom id-dritt ghal programmi minnhom u fuq ir-responsabbilita' taghhom organizzati ghal numru ta' sieghat fuq ir-radio u fuq it-televizjoni a bazi tar-rapprezentanza taghhom fil-Parlament; fiz-zmien elettorali l-partiti politici kollha jkollhom id-dritt ghal sensiela ta' trasmissjonijiet lill-elettorat.

10.1) KUMMISSJONI DWAR L-IMPJIEGI U KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU.

Sal-lum dawn iz-zewg kummissjonijiet, tant importanti ghat-tmexxija ta' l-amministrazzjoni f'pajjizna, ghadhom mhumiex jahdmu b'mod sodisfacenti. Il-

Kumitat ihoss li ghandu jsir sforz biex jintlahaq ftehim li jissodisfa, kemm hu umanament possibli, il-partiti politici. Ghaldaqstant il-Kumitat jirrikmanda li fil-Kunsill ta' l-Istat il-Prim Ministru - ghan-naha tal-gvern, u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni - ghan-naha ta' l-Oppozizzjoni, jinnominaw numru ndaqs ta' membri u jaghmlu hilithom biex jaqblu dwar l-ghazla ta' Chairman ghal kull kummissjoni. Fil-kaz li ma jkunx hemm qbil fuq l-ghazla, din tkun trid issir mill-President tar-Repubblika.

11.1) IL-PROĊESS ELETTORALI

Fl-imghoddi saru diversi sforzi sabiex tinstab sistema kif issir il-formazzjoni u tigi determinata il-kompozizzjoni tal-Kummissjoni Elettorali. Izda s'issa ir-rizultat ta' dawn l-isforzi ma kienux sodisfacenti ghall-partiti politici li huma s-sisien tad-demokrazija tal-pajjiz.

11.2) Il-Kumitat maghzul wera l-fehma li forsi ikun ahjar li n-numru tal-kummissjonarji elettorali jkun jikkorispondi ghan-numru tad-distretti elettorali, b'mod li wiehed mill kummissjonarji elettorali ikun il-kummissjonarju elettorali principali nominat mill-Kunsill ta' l-Istat bil-procedura diga iccarata fuq, jigifieri bi ftehim kongunt tal-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni jew, fin-nuqqas ta' ftehim fuq decizjoni awtonoma, tal-President tar-Repubblika. Il-kummissjonarji elettorali l-ohra ghandhom jigu nominati f'numru ugwali mill-Prim Ministru u mill-Kap ta' l-Oppozizzjoni b'mod tali li l-President tar-Repubblika jhoss ruhu cert li f'kaz li jkun hemm izjed minn partit wiehed rapprezentat fil-Gvern jew fl-Oppozizzjoni jittiehed kont f'dawn in-nomini tar-rieda tal-Partiti l-ohra hemm rapprezentati.

11.3) Ghal dak li jirrigwarda s-sistema elettorali, il-membri tal-gvern jemmnu li s-sistema elettorali trid tkun wahda li thares il-principju tal-proporzjonalita mhux fuq il-pjan ta' distretti singoli izda fuq pjan nazzjonali b'mod li tigi determinat l-kwota nazzjonali. Hija l-fehma wkoll tal-membri tal-Kumitat tal-gvern li jigi assigurat il-harsien tal-principji tal-proporzjonalita' kif ukoll il-governabilita' tal-pajjiz.

11.4) Il-membri li jirraprezentaw l-Oppozizzjoni, wara ezami bir-reqqa ta' dak kollu li tressaq quddiemhom, ihossu li jekk jigi adottat il-principju ta' kwotanazzjonali, awtomatikament tqum il-kwistjoni tat-"treshold" ghall-partiti z-zghar u jibdew il-kumplikazzjonijiet u d-diffikultajiet kif il-principji tal-governabilita' jizzewwgu mal-principju tal-proporzjonalita'. Ghal din ir-ragunI hassew li fuq din il-kwistjoni kellhom bzonn jisimghu aktar l-opinjonijiet ta' shabhom fl-esekuttiv nazzjonali tal-partit Socjalista u tal-General Workers' Union.

12.1) IL-PARLAMENT

Il-Kumitat ikkonsidra wkoll il-funzjoni tal-Parlament fil-pajjiz u qabel li din ghandha tissahhah. Fil-prezent, fil-waqt li l-Parlament ghandu poteri kbar, poteri li jikkritika permezz tal-membri tieghu specjalment ta' l-Oppozizzjoni u japprova l-mizuri proposti mill-Gvern, il- poter effettiv jispicca ghaliex ghal dik li hi esekuzzjoni m'hemm l-ebda kontroll dirett ta' l-istess Parlament. Dan id-difett jidher l-aktar fil-kaz ta' l-Appropriation Bill . Infatti filwaqt li l-Parlament japprova l-ispiza pubblika, m'ghandu l-ebda kontroll dirett fuq kif dik l-ispiza tintnefaq.

Dan id-difett jidher hafna wkoll f'kazi ta' licenzji jew permessi li ghalihom ic-cittadin ikollu dritt imma jehodhom biss bid-dewmien, jew bhala favur, jew aghar u aghar jekk ikun hallas, zejjed mill-but.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Kumitat qabel li ghandhom jinholqu Kumitati permanenti komposti minn membri taz-zewg nahat tal-Kamra sabiex waqt li dan il-Kumitat jaghti il-pariri tieghu fuq dik il-materja jew materji li jaqghu taht ir-responsabbilita' tieghu ikun jista wkoll jezercita dak il-kontroll mehtieg dwar l-esekuzzjoni tad-decizjonijiet ta' l-istess Parlament.

Dan il-bzonn jinhass mhux biss fil-qasam tal-finanzi imma anke f'oqsma ohra bhas-"subsidiary législation" (regolamenti) u legizlazzjoni ohra meta tigi fl-istadju tal-Kumitat; edukazzjoni u politika socjali; politika ta' zvilupp ekonomiku; u sigurta nazzjonali.

12.2) Ir-rakommandazzjoni tal-Kumitat Maghzul, hija li prezentement il-pajjiz ma jiflahx aktar minn erba' kumitati permanenti, b'chairman kull wiehed, zewg membri maghzula minn naha tal-gvern u zewg membri maghzula minn naha ta' l-oppozizjoni, f'laqgha ma l-Ispeaker.

12.3) Il-Kumitat Permanenti ghas-Sigurta Nazzjonali ikollu x'jaqsam mad-decizjonijiet dwar il-Forzi Armati u l-Pulizija u Politika Barranija, u jkollu d-dmir li jzomm liason dirett mal-Kunsill Nazzjonali tad-Difiza.

12.4) Il-Kumitat Permanenti ghall-Infieq ta' Flus il-Poplu (Public Accounts) ikun jiddependi biss mid-dipartiment ta' l-Ispeaker u jkollu f'idejh id-dipartiment kollu ta' l-awditur bil-forzi kollha li tista taghtih il-ligi. Il-kuntatti li dan il-Kumitat ikollu mal Parlament ikunu permezz tal-forza kollha ta' Speaker verament indipendenti b'forza li gejja direttament mill-Kostituzzjoni. B'hekk

biss jista jkun ezercitat ahjar il-kontroll fuq l-infieq pubbliku, skond id-decizjonijiet tal-Parlament.

Taht it-tutela ta' l-Ispeaker ikun hemm ukoll il-Kumitat Permanenti ghall-Affarijiet Legislattivi u Parlamentari. Dan il-Kumitat jara li l-Parlament ikun infurmat sewwa fuq it-tmexxija ta' 'policies', il-piz u l-effett ta' regolamenti jew 'subsidiary legislation'.

12.5) Fl-ahharnett ikun hemm ukoll Kummissjoni Permanenti ghall-Affarijiet Socjo-Ekonomici (l-affarijiet l-ohrajn kollha barra dawk li semmejna fuq).

13.1) L-ISPEAKER

Minhabba n-necessita' ta' dawn l-erba' Kumitati Permanenti, minhabba l-htiega li l-Ispeaker u d-deputy Speaker f'sistema demokratika parlamentari li jkollhom il-fiducja tal-membri kollha tal-kamra, il-Kumitat ihoss li l-Kostituzzjoni ghandha tiddetermina kif jintghazlu u s-sahha li jinghataw.

Il-Kumitat qabel li ghandha tibqa s-sistema attwali li l-President tal-Kamra jista jintghazel minn fost dawk li ma jkunux gew eletti fil-Parlament, pero hass li biex persuna tkun eligibli ghal din il-kariga ghandu jkollha mill-inqas hames snin esperjenza fil-Parlament.

13.2) Il-Kumitat hass ukoll li huwa essezjali li din il-kariga kemm jista jkun ikollha l-appogg shih tal-kamra li jmur 'l hemm minn dik ta' semplici maggoranza u ghalhekk kandidat biex ikun elett President tal-Kamra irid ikollu warajh almenu maggoranza ta' zewg terzi tal-Parlament. Fil-kaz li dan ma jsehhx, ghandu jkun hemm Speaker ad interim skond is-'seniority', approvat mill-Kunsill ta' l-Istat. L-istess japplika ghal deputy Speaker, izda dejjem tigi

rispettata r-regola ta' wiehed minn naha tal-Gvern u l-iehor minn naha ta' l-Oppozizzjoni.

13.3) Il-Kumitat hass li forsi jkun ahjar ukoll li kemm jista jkun il-persuna li tkun giet eletta biex tokkupa din il-kariga ma titbiddilx ma kull legislatura. Barra mill-Ispeaker ghandu jigi maghzul ukoll deputy Speaker li jkun ex-ufficjo ic-Chairman tal-Kumitati, liema kariga m'ghandiex tibqa tkun separata minn dik ta' deputy Speaker.

Meta kemm l-Ispeaker u kemm id-deputy Speaker ikunu assenti ghandha tinhatar persuna biex tassumi l-funzjonijiet ta' Speaker jew ta' deputy Speaker temporanjament matul l-assenza taghhom.

Sabiex jintlahaq aktar l-iskop tal-unanimita' dwar l-elezzjoni ta' l-Ispeaker u/jew deputy Speaker in-nomina taghhom ghandha tigi diskussa fil-Kunsill ta' l-Istat.

13.4) Ikun l-obbligu ta' l-Ispeaker li jirraporta lill- Parlament jekk il-Permanent Committees ma jurux il-hrara u d-diligenza mehtiega fix-xoghol taghhom.

13.5) Id-dipartiment ta' l-Ispeaker ikun dipartiment ghalih (ma jaqa taht l-ebda ministeru) bi staff adekwat u jkun hu responsabbli li jinghataw dawk il-facilitajiet mehtiega lil membri tal-Parlament kemm tan-naha tal-Gvern u kemm tan-naha ta' l-Oppozizzjoni. Ghandu wkoll l-obbligu li jipprovdi lil Kumitati Permanenti bil-facilitajiet u l-mezzi kollha mehtiega biex jaqdu dmirhom kif jixraq lejn il-pajjiz. Il-Kumitati Permanenti ikollhom l-obbligu, li meta l-Parlament ikun 'in session', jiltaqghu darbtejn fil-gimgha, izda mhux fil-hin tal-Parlament.

13.6) Meta l-Ispeaker ikun intghazel minn naha ta' partit li jkun fil-Gvern, ikun hemm l-obbligu li d-deputy Speaker jintghazel minn naha ta' partit ta' l-Oppozizzjoni u vici-versa. B'hekk kull legislatura ikun hemm, kemm jista jkun possibli, il-bilanc bejn tendenzi ta' Speaker u dawk ta' deputy Speaker. Jekk dawn il-karigi jinghatawlhom il-permanenza mixtieqa , il-persuni kkoncernati jkollhom l-obbligu li ma jiehdux parti politika attiva. L-Ispeaker ikun il-persuna li ex-ufficjo tkun l-Acting President kull meta il-President ghal xi raguni jew ohra ma jkunx jista temporanjament jaqdi d-dmirijiet tieghu. Il-President tar-Repubbblika jinawgura l-ftuh tal-Parlament u kull legislatura, f'din l-okkazzjoni jkun hemm messagg tal-President lin-Nazzjon minflok id-diskors programmatiku tal-Gvern. Id-diskors programmatiku jsir mill-Prim Ministru f'okkazzjoni ohra.

14.1) UGWALJANZA BEJN IRGIEL U NISA

Il-Kumitat Maghzul qabel li biex verament f'pajjizna titlahaq l-ugwaljanza mehtiega bejn irgiel u nisa, l-artikolu 45 (3) tal-Kostituzzjoni jkollu specifikat fih li m'ghandux ikun hemm diskriminazzjoni fit-trattament bejn irgiel u nisa. Din l-emenda tibda ssehh fi zmien sena sabiex jinghata zmien biz-zejjed halli l-ligijiet kollha tal-pajjiz, fejn hemm bzonn, jinbidlu f'dan is-sens.

15.1) DIKJARAZZJONI GDIDA

It-tharis ghall-'privacy' tac-cittadini fl-eta' moderna ta' 'data' ghall-kompjuters, taghrif ghal statistika, etc, - dejjem, naturalment, fil-limiti imposti mill-htigijiet ta' sigurta' nazzjonali.

16.1) FESTA NAZZJONALI

Fi spirtu ta' rikonciljazzjoni, il-membri ta' l-Oppozizzjoni jifhmu kemm huwa mportanti li jkun hemm qbil dwar Jum Nazzjonali tal-Festa Nazzjonali u jaraw li dan ikun Jum ir-Repubblika, li l-lum huwa meqjum sagru minn kulhadd. Jaraw ukoll li m'hemm xejn hazin li l-Maltin u l-partiti politici ma jippikawx bejniethom min l-aktar hadem biex pajjizna jsir nazzjon, u ghalhekk jirrikmanda li kemm Jum il-Helsien, kif ukoll Jum l-Indipendenza, jibqghu festi nazzjonali.

Il-membri rapprezentanti tal-Gvern, filwaqt li jahsbu li Jum l-Indipendenza ghandu jghaqqadna, jemmnu li ghandu jsir sforz biex jintlahaq ftehim biex il-Maltin kollha jidentifikaw ruhhom mad-data li tintghazel.

In-konnessjoni ma dan is-suggett, iz-zewg nahat urew qbil li l-poplu Malti kollu l-lum iqim is-seba' ta' Gunju. Din id-data saret tant ghaziza ghall-Maltin illi ghall-inqas ghandha hi wkoll tkun festa nazzjonali.

KONKLUZJONI

Huwa veru li dan il-Kumitat ma temmx ix-xoghol tieghu kollu fiz-zmien moghti lilu mill-Parlament. Kien hemm zewg ragunijiet. L-ewwel, il-bzonn li r-rakomandazzjonijiet fuq istituzzjonijiet godda jigu miflija bl-akbar reqqa u serjeta'. It-tieni, l-htiega li l-Esekuttivi tal-Partiti u l-Gruppi Parlamentari rappreżentati fil-Parlament jinghatalhom iz-zmien biex jiflu huma wkoll dak li stharreg dan il-Kunsill.

Il-Kumitat izda jhoss li x-xoghol li sar biex isir tibdil li jhalli jitwaqqfu istituzzjonijiet godda huwa mportanti hafna - bhall-Kunsill ta' l-Istat, il-Kunsill tad-Difiza u l-Kunsill ghall-Amministrazzjoni Gudizzjarja - u halli tissahhah bil-hafna l-istituzzjoni tal-Parlament, jiggustifika dan id-dewmien

Il-Kumitat jawgura li l-partiti politici jiflu bl-akbar serjeta' u l-aktar serenita' dawn ir-rakommandazzjonijiet biex id-demokrazija f'pajjizna nqeghduha fuq sisien aktar sodi sabiex ilkoll flimkien nghozzu u nharsu l-helsien.